A.L. 117 ta' l-1997

ATT DWAR IS-SERVIZZI TA' IMPIEG U TAĦRIĠ (KAP. 343)

Regolamenti ta' l-1997 dwar Kwalifiki Okkupazzjonali Nazzjonali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 41 ta' l-Att dwar is-Servizzi ta' Impieg u Taħriġ, il-Ministru ta' l-Edukazzjoni u Kultura Nazzjonali, f'konsultazzjoni mal-Korporazzjoni ta' Xogħol u Taħriġ u mal-Ministru tal-Ħarsien Soċjali, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1997 dwar Kwalifiki Okkupazzjonali Nazzjonali.

Skop.

2. Dawn ir-regolamenti għandhom l-għan li jistabbilixxu qafas nazzjonali għall-iżvilupp ta' livelli ta' kompetenza okkupazzjonali nazzjonali u għall-ħruġ ta' kwalifiki vokazzjonali.

Bidu fis-seħħ.

3. Dawn ir-regolamenti jibdew iseħħu fil-jum li jiġi minnufih wara l-pubblikazzjoni tagħhom fil-Gazzetta, iżda dawk il-persuni li jkunu diġà nħarġulhom kwalifiki okkupazzjonali bis-saħħa ta' l-Att qabel il-jum tal-pubblikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti għandhom jiġu assimilati skond l-istruttura ġdida ta' kwalifiki.

Tifsir.

4. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra –

Kap. 343.

"Att" tfisser l-Att dwar is-Servizzi ta' Impieg u Taħriġ;

"Korporazzjoni" tfisser il-Korporazzjoni ta' Xogħol u Taħriġ mwaqqfa bl-artikolu 5 ta' l-Att u, fil-limitu ta' l-awtorità mogħtija, tinkludi kull uffiċjal tal-Korporazzjoni li jkun ġie debitament awtorizzat minnha biex jidher f'isimha għaldaqshekk;

"Kunsill" tifsser il-Kunsill Nazzjonali għal Kwalifiki Okkupazzjonali mwaqqaf bir-regolament 4 ta' dawn ir-regolamenti;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-Korporazzjoni.

Kunsill Nazzjonali għal Kwalifiki Okkupazzjonali.

5. (1) Jitwaqqaf Kunsill, li jkun magħruf bħala l-Kunsill Nazzjonali għal Kwalifiki Okkupazzjonali, li jkollu dawk il-funzjonijiet stabbiliti fir-regolament 5 ta' dawn ir-regolamenti, u dawk is-setgħat li jistgħu jinħtieġu għat-twettiq sew minnu tal-funzjonijiet tiegħu.

(2) Il-Kunsill jinħatar mill-Ministru għal żmien mhux iżjed minn sentejn.

(3) Il-Kunsill jkun magħmul minn ħdax il-membru kif ġej:

(a) *Chairperson* li jkun iċ-*chairman* tal-Bord tal-Korporazzjoni ta' Xogħol u Taħriġ, kif debitament maħtur skond l-artikolu 6 ta' l-Att;

(b) żewġ rappreżentanti mill-Korporazzjoni;

(ċ) żewġ rappreżentanti mit-Taqsima ta' l-Edukazzjoni;

(d) rappreżentant mill-Università ta' Malta;

(e) rappreżentant mill-Kulleġġ Malti għal Edukazzjoni Vokazzjonali;

(f) żewġ persuni li jirrappreżentaw lill-prinċipali;

(ġ) żewġ persuni li jirrappreżentaw lit-*trade unions*.

(4) Il-Kunsill jirregola il-proċedimenti tiegħu nnifsu.

Funzjonijiet tal-Kunsill.

6. Il-Kunsill ikollu dawn il-funzjonijiet li ġejjin:–

(a) li jistabbilixxi strateġija nazzjonali għal kwalifiki okkupazzjonali;

(b) li japprova kwalifiki okkupazzjonali;

(ċ) li jakkredita korpi professjonali li jagħtu kwalifiki okkupazzjonali;

(d) li jaħtar persuni biex jiżviluppaw kwalifiki okkupazzjonali u l-livelli u kategorija ta' kompetenza okkupazzjonali relattivi;

(e) li jagħti pariri lill-Ministru dwar kull ħaġa li tolqot il-kwalifiki okkupazzjonali;

(f) li jwettaq kull funzjoni oħra li l-Ministru jista' jippreskrivi minn żmien għal żmien.

Klassifika ta' kwalifiki okkupazzjonali.

7. (1) Il-kwalifiki okkupazzjonali jiġu klassifikati skond il-kategorija ta' kompetenza u jkunu jiddeskrivu s-snajja u l-hiliet meħtieġa biex wieħed ikun jista' jwettaq dmiru sew fuq il-post tax-xogħol.

(2) Ikun hemm ħames kategoriji ta' kompetenza li b'dan qegħdin jiġu mfissra kif ġej:–

(a) Kategorija 5 – kompetenza li tkun tinvolvi l-applikazzjoni ta' firxa sew ta' prinċipji fondamentali u teknika komplessa fi ħdan varjetà ta' kuntesti wesgħin u li ta' spiss ma jkunux jistgħu jitbassru. Jidhru b'mod ċar l-awtonomija personali sostanzjali u responsabbiltà ta' spiss sinjifikattiva għax-xogħol tal-oħrajn u għall-allokazzjoni ta' riżorsi sostanzjali, l-istess bħalma jidhru responsabbiltajiet personali għal kull analiżi u dijanjosi, disinn, pjanifikazzjoni, eżekuzzjoni u evalwazzjoni;

(b) Kategorija 4 – kompetenza f'firxa wiesgħa ta' attivitajiet ta' xogħol tekniku jew professjonali kompless, li jsir f'varjetà wiesgħa ta' kuntesti u bi grad sostanzjali ta' responsabbiltà u awtonomija personali. Ikun hemm ta' spiss responsabbiltà għax-xogħol tal-oħrajn kif ukoll l-allokazzjoni ta' riżorsi;

(ċ) Kategorija 3 – kompetenza f'firxa wiesgħa ta' attivitajiet diversi ta' xogħol, li jsiru f'varjetà wiesgħa ta' kuntesti li bosta minnhom huma komplessi u mhux ta' rutina. Hemm responsabbiltà u awtonomija konsiderevoli, u jinħtieġu ta' spiss il-kontroll jew it-tmexxija ta' l-oħrajn;

(d) Kategorija 2 – kompetenza f'firxa sew ta' attivitajiet diversi ta' xogħol, li jsiru f'varjetà wiesgħa ta' kuntesti. X'uħud mill-attivitajiet huma kumplessi jew mhux ta' rutina, u hemm xi ftit responsabbiltà individwali jew awtonomija. Tista' ta' spiss tkun meħtieġa l-kollaborazzjoni ma' l-oħrajn, forsi permezz ta' sħubija fi grupp tax-xogħol jew *team*; u

(e) Kategorija 1 – kompetenza fit-twettiq ta' firxa ta' attivitajiet diversi ta' xogħol, li bosta minnhom jistgħu jkunu ta' rutina jew li jistgħu jitbassru.

(3) Il-kwalifiki okkupazzjonali għandhom jissemmew kif ġej:-

(a) Kategorija 1 dwar il-kategorija operattiva;

(b) Kategorija 2 dwar il-kategorija ta' mgħallem tas-sengħa;

(ċ) Kategorija 3 dwar il-kategorija ta' sengħa/teknika avvanzata;

(d) Kategorija 4 dwar il-kategorija teknika għolja/medio-maniġerjali; u

(e) Kategorija 5 dwar il-kategorija maniġerjali għolja/professjonali.

Bordijiet ta' Valutazzjoni ta' Kapaċitajiet Okkupazzjonali.

8. (1) Jitwaqqfu Bordijiet ta' Valutazzjoni ta' Kapaċitajiet Okkupazzjonali bil-għan li jivvalutaw persuni sabiex jistabbilixxu jekk dawn ikunux kisbu l-livelli ta' kompetenza okkupazzjonali meħtieġa fl-Kategoriji 1 sa 4. Il-Ministru jaħtar lil dawk il-persuni li jkunu se joqogħdu fuq dawk il-Bordijiet.

(2) Dawk il-korpi professjonali li jiġu akkreditati mill-Kunsill imexxu l-valutazzjoni ta' persuni bil-għan li jistabbilixxu jekk dawn ikunux kisbu l-livelli ta' kompetenza okkupazzjonali meħtieġa fil-Kategorija 5:

Iżda jekk ma jkunux jeżistu dawk il-korpi professjonali fil-qasam ta' kompetenza rispettiv tagħhom, il-Kunsill għandu jitlob lill-Korporazzjoni li tagħti parir lill-Ministru dwar il-ħatra ta' persuni biex joqogħdu fuq il-Bordijiet ta' Valutazzjoni ta' Kapaċitajiet Okkupazzjonali.

(3) Il-Bordijiet ta' Valutazzjoni ta' Kapaċitajiet Okkupazzjonali u l-korpi professjonali maħturin skond dan ir-regolament huma wkoll responsabbli għas-sosteniment tal-kwalità ta' kwalifiki okkupazzjonali.

Funzjonijiet eżekuttivi tal-Kunsill.

9. Il-fergħa eżekuttiva tal-Kunsill tkun il-Korporazzjoni li jkollha dawn il-funzjonijiet li ġejjin:

(a) li tikkoordina x-xogħol ta' żvilupp ta' livelli ta' kompetenza okkupazzjonali;

(b) li tgħaddi l-livelli ta' kompetenza okkupazzjonali lill-Kunsill biex dan japprovhom u jakkredithom bħala kwalifika okkupazzjonali;

(ċ) li jkollha *database* ta' livelli ta' kompetenza okkupazzjonali u kwalifiki okkupazzjonali hekk kif approvati mill-Kunsill;

(d) li tinnomina persuni biex joqogħdu fuq il-Bordijiet ta' Valutazzjoni ta' Kapaċitajiet Professjonali;

(e) li tirċievi applikazzjonijiet minghand persuni li jkunu jixtiequ jagħmlu valutazzjoni sabiex jaċċertaw x'ikunu l-livelli tagħhom ta' kompetenza okkupazzjonali, b'dan illi fil-każ ta' apprendisti, dawn jistgħu jagħmlu dan biss wara li jkunu temmew aprendistat bażat fuq il-ħin;

(f) li tirreferi applikazzjonijiet li jirċievi minghand persuni li jkunu jixtiequ jagħmlu valutazzjoni sabiex jaċċertaw x'ikunu l-livelli tagħhom ta' kompetenza okkupazzjonali, lill-Bord ta' Valutazzjoni ta' Kapaċitajiet Professjonali jew korp professjonali rispettiv, skond il-każ;

(ġ) li jkollha *database* ta' dawk il-persuni kollha li jkun inħarġilhom Ċertifikat ta' Suċċess, inkluż kull dettal dwar il-kwalifika u kategorija okkupazzjonali.

Korpi aġġudikanti.

10. (1) Il-Korporazzjoni tkun il-korp aġġudikanti u li joħroġ Ċertifikati ta' Suċċess għal kwalifiki okkupazzjonali fil-kategoriji ta' kompetenza minn 1 sa 4 skond il-paragrafu (d) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 17 ta' l-Att.

(2) Il-korpi professjonali jkunu l-korp aġġudikanti u li johroġ Ċertifikati ta' Suċċess għal kwalifiki okkupazzjonali fil-kategorija ta' kompetenza 5:

Iżda kull kreditu mogħti mill-korpi professjonali li jaġġudikaw dwar Ċertifikati ta' Suċċess għandu jingħata mill-Kunsill għal perijodu massimu ta' ħames snin, b'dan li wara dak il-perjodu jkun meħtieġ li jingħataw krediti ġodda.